# Il-Beatu Nazju Falzon



## *Devot kbir ta' San Ġużepp*

**minn Anthony Duca**

Fil-kitba tiegħu s-sena l-oħra, il-Kanonku John Ciarlò, kiteb dwar id-devozzjoni li kellu l-Beatu Dun Ġorġ Preca lejn San Ġużepp.

Din id-darba xtaqt nieħu l-opportunità li reġgħet tatni l-Għaqda Mużikali San Ġużepp sabiex nikteb dwar id-devozzjoni kbira li kellu Beatu ieħor Malti, Nazju Falzon, lejn San Ġużepp.

Il-Beatu Nazju Falzon kellu mħabba u qima kbira lejn San Ġużepp. Jekk wieħed jaqra l-ktieb *Gloria tal-Kleru Malti*, miktub minn P. Marjanu Vella O.F.M. jara kemm il-Beatu Nazju Falzon kien devot ta' San Ġużepp, mhux biss hu imma anki l-familja tiegħu.



*Pittura ta' Nazju Falzon*

F'dan il-ktieb insibu li l-familja Falzon kienet waħda mill-benefatturi għall-bini tal-knisja ta' l-Imsida, iddedikata lil dan il-kbir qaddis San Ġużepp.

Il-Beatu Nazju Falzon kien ta' spiss imur jitlob quddiem ix-xbiha ta' San Ġużepp li hemm fil-Bażilika tal-Karmnu l-Belt.

Suor Orsla Mamo, reliġjuża professa tal-Monasteru ta' Sant'Orsla mill-Belt, tgħid: "il-qaddej ta' Alla Nazju Falzon kellu devozzjoni qawwija lejn San Ġużepp, tant li qabel il-festa tiegħu kien isum." Tgħid ukoll li kien jagħmel ħiltu sabiex bħalu jagħmlu wkoll tal-familja u l-qaddejja fid-dar. Hawn interessanti ninnotaw li waħda mill-qaddejja fid-dar tal-Beatu kienet proprju Għaxqija, ċerta Marjanna Agius imlaqqma ta' 'Karusu'. Fil-fatt din l-istess Marjanna Agius aktar tard kienet waħda mix-xhieda ferm importanti fil-proċess wara l-mewt tal-Beatu Nazju Falzon.

L-istess Suor Orsla Mamo tirrakkonta wkoll li ħu Nazju, li kien qassis, Dun Franġisk, kien tah santa ta' San Ġużepp li Nazju kien iżomm fil-ktieb tat-talb, li kienet mgħarrqa bil-bews li kien ibusha.





*L-urna bil-fdalijiet tal-Beatu Nazju Falzon fil-parroċċa tagħna – 05.06.2001*

***Qabad il-kwadru ta' San Ġużepp f'idejh u miet bih marsus ma' sidru***



*L-uniku ritratt li jeżisti ta' Nazju Falzon...mejjet*

Fid-dar, il-Beatu Nazju Falzon, kellu kwadru ta' San Ġużepp li kien iridu dejjem bid-dawl jixgħel. U proprju fl-aħħar nifs ta' ħajtu qabad dan il-kwadru ta' San Ġużepp f'idejh u miet bih marsus ma' sidru. Barra dan il-kwadru fil-kamra fejn miet mal-ħajt, fuq rasu kien hemm imdendel kwadru ieħor ta' San Ġużepp, u dan wieħed jista' jarah fir-ritratt li ttieħed ftit wara li miet il-Beatu.

F'pittura, din id-darba li għamel Fra Lwiġ, ta' San Ġużepp O.C.D. insibu kwadru ta' Nazju Falzon bis-salib f'idu u fuq il-mejda l-kuruna tar-Rużarju u statwa ta' San Ġużepp.

Naħseb minn dan il-ftit tagħrif wieħed jista' jikkonferma kemm dan il-qaddej ta' Alla, il-Beatu Nazju Falzon, kellu mħabba u devozzjoni lejn San Ġużepp. Dan ikompli jħeġġeġ lilna sabiex induru aktar lejn dan il-kbir qaddis San Ġużepp. Nintefgħu f'riġlejh u nitolbu l-ħarsien tiegħu u nitolbuh jipproteġi lilna u l-familji tagħna, lir-raħal tagħna u lil pajjiżna.

Nagħlaq din il-kitba billi ngħid li kien interessanti l-fatt li l-fdalijiet ta' dan il-Beatu Nazju Falzon, flimkien mar-relikwa, kellhom jiġu fir-raħal tagħna, fil-knisja parrokkjali proprju fil-5 ta' Ġunju 2001 jumejn wara l-festa u meta l-istatwa ta' San Ġużepp kienet għadha barra n-niċċa.


DUNCAN

Pet Shop

Xintill Street, Tarxien PLA 11

Tel: 2166 5249

Mob: 9989 0478





AGIUS

CONFECTIONERY, PASTIZZERIA & PIZZERIA

*Prop. Rosario Agius*

St. Paul Street, Valletta

Opposite St. Paul's Church